# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN
# AVVIŻI 20 TA' OTTUBRU 2019

**Ġurnata Missjunarja**
Illum is-Sibt u għada l-Ħadd niċċelebraw il-Ġurnata Missjunarja. Il-ġbir kollu li se jsir fil-knejjes tad-dinja Kattolika jmur biex il-Kelma ta' Alla tixxandar anke f'artijiet ġodda tal-missjoni. Nirringrazzjawkom tal-ġenerożità tagħkom.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**
Għada l-Ħadd 20 ta' Ottubru 2019 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**
It-Tnejn 21 ta' Ottubru 2019 fis-7:15pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 15 ta' Ottubru 2019 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq l-Iskall**, **Triq ix-Xibka** u **Triq il-Ħarruba**.

***Coffee Morning***
Il-Ħamis 24 ta' Ottubru 2019 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Adorazzjoni u Qrar bi tħejjija għas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof**
Il-Ġimgħa 25 ta' Ottubru 2019 mis-7:00pm sat-8:30pm ser issir adorazzjoni fis-Sala Sant'Anna bi tħejjija għas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Kulħadd huwa mistieden sabiex nitolbu flimkien mal-ġenituri u l-parrini tal-adolexxenti li ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Ikun hawn ukoll is-servizz tas-Sagrament tal-Qrar.

**Il-Griżma tal-Isqof**
Is-Sibt u l-Ħadd li ġej ser niċċelebraw il-Griżma tal-Isqof. Matul din il-ġimgħa se jsiru l-aħħar preparamenti skont kif inhuwa mfassal fil-programm li tqassam fiċ-Ċentri tad-Duttrina. Is-Sibt il-Griżma tibda fl-4:00pm u l-Ħadd tibda fl-10:30am. Nhar is-Sibt ma jkunx hawn quddiesa tal-5.15pm imma jkun hawn tas-6.30pm u tat-8.00pm fil-Knisja Parrokkjali. Il-Ħadd ma jkunx hawn quddiesa tal-11:30am. Ikun hemm tal-11:00am bl-Ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019 wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Solennità tal-Qaddisin Kollha**

Il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2019 flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani se niċċelebraw il-Festa tal-Qaddisin Kollha. Fis-7:30pm nibdew b'quddiesa fis-Sala Sant'Anna u wara *party* u logħob għat-tfal flimkien mal-familja tagħhom. **Inħeġġu lit-tfal jiġu libsin tal-Qaddis favorit tagħhom!**

**Ružarju f'Ottubru**

Niftakru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru, fis-5:55pm (qabel il-quddiesa tas-6:30pm), jintalab ir-Ružarju quddiem Ġesù Sagramentat. Nhar ta' Sibt jibda wara l-quddiesa tas-6:30pm u l-Ħadd jibda fil-5:25pm. Inħeġġukom sabiex bħala familja titolbu t-talba tar-Ružarju flimkien.

**Ħarġa lejn il-kultura Għawdxija**

It-Tnejn 4 ta' Novembru 2019 qed norganizzaw ħarġa għal Għawdex. Nitilqu minn fejn is-Sala Sant'Anna fis-6:45am, fid-9:00am Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Għajnsielem, inżuru l-*food village* fix-Xewkija, t-tempji tal-Ġgantija u l-Mitħna ta' Kola fix-Xagħra. Importanti li jkollna l-Heritage Passport li tista' tapplika għalih mill-uffiċċini tal-Kunsill Lokali. Biljetti mis-sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Quddiesa u mument ta' talb fil-Kappella tal-Madonna tal-Midalja Mirakuluża**

Il-Ħadd 3 ta' Novembru 2019, flimkien mal-oqsma tal-Museum qed norganizzaw Quddiesa u mument ta' talb fil-Kappella tal-Blata l-Bajda fejn insibu l-fdalijiet ta' San Ġorġ Preca. Tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fit-3:30pm u nkunu lura fis-6:00pm. Inħeġġukom sabiex nattendu u min jixtieq jitla' magħna bit-trasport jikteb ismu fis-sagristija.

**Mill-Kunsill Lokali**

Dawk kollha li nkitbu mal-Kunsill Lokali sabiex jieħdu t-tilqima tal-influwenza ninfurmawhom li ser tibda tingħata fl-uffiċini tal-Kunsill bejn it-Tnejn 4 ta' Novembru u l-Ġimgħa 8 ta' Novembru 2019 mit-8:00am sa 12:00pm.

**Weekend Irtir għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ**

Mill-Ġimgħa 15 sal-Ħadd 17 ta' Novembru 2019 qed jiġi organizzat weekend irtir għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ bl-isem 'Connect', ġewwa s-Seminarju tal-Arċisqof, ir-Rabat, bi tħejjija għall-Avvent. Min huwa interessat jista' jieħu karta ta' applikazzjoni mis-sagristija jew ikellem lil xi ħadd minna s-saċerdoti jew leaders ta' Youths Marsaskala.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella’ l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Għadam tal-lewż ta’ Novembru u *Cakes***

Mingħand il-voluntiera tagħna tistgħu tixtru l-għadam tal-lewż ta’ Novembru u *cakes* minn fuq iz-zuntier.